

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: O. Tümer

Konvenut: Raad van bestuur van het Uitvoeringsinstituut werknemersverzekeringen

Dispożittiv

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 80/987/KEE, tal-20 ta' Ottubru 1980, dwar il-protezzjoni tal-impiegati f'każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom, kif emendata bid-Direttiva 2002/74/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Settembru 2002, għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema fil-każ ta' insolvenza tal-persuna li timpjega, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li skonta ċittadin ta' pajjiż terz li ma huwiex residenti legalment fl-Istat Membru kkonċernat ma jitqiesx li huwa ħaddiem impiegat li seta' ježi kumpens għal insolvenza abbażi, b'mod partikolari, tad-djun salarjali mhux imħallsa f'każ ta' insolvenza tal-persuna li timpjega, meta dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwa kklassifikat, bis-sahħha tad-dispożizzjonijiet tad-dritt ċivili ta' dan l-Istat Membru, bħala "ħaddiem impiegat" li għandu dritt għal remunerazzjoni li tista' tkun is-suġġett ta' rikors kontra l-persuna li timpiegħaq quddiem il-qrat nazzjonali.

(¹) ĠU C 250, 31.8.2013

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-6 ta' Novembru 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Iscottish Land Court – ir-Renju Unit) – Robin John Feakins vs The Scottish Ministers

(Kawża C-335/13)⁽¹⁾

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika Agrikola Komuni — Skema ta' pagament uniku — Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 795/2004 — Artikolu 18(2) — Riżerva nazzjonali — Ċirkustanzi eċċeżżjonali — Prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament"

(2015/C 007/10)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

Scottish Land Court

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Robin John Feakins

Konvenuti: The Scottish Ministers

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 18(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 795/2004, tal-21 ta' April 2004, li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' ħlas waħdien li hemm provvediment dwaru fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal sistemi ta' sostenn dirett taħt il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ġerti skemi ta' sostenn għall-bdiewa, kif emendat permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2004, tad-29 ta' Ottubru 2004, għandu jiġi interpretat fis-sens li japplika, minn naħħa, meta bidwi jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' tnejn jew iktar mill-Artikoli 19 sa 23a tal-imsemmi regolament, kif emendat bir-Regolament Nru 1974/2004, u, min-naħħa l-oħra, meta bidwi li jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' mill-inqas wieħed mill-Artikoli 19 sa 23a tal-istess regolament, kif emendat bir-Regolament Nru 1974/2004, jissodisfa wkoll il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' mill-inqas wieħed mill-Artikoli 37(2), 40, 42(3) u 42(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, tad-29 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ġerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001.

- 2) L-Artikolu 18(2) tar-Regolament Nru 795/2004, kif emendat bir-Regolament Nru 1974/2004 huwa invalidu sa fejn huwa jipprekludi bidwi li jkun esperjenza ċirkustanzi eċċezzjonali fis-sens tal-Artikolu 40 tar-Regolament Nru 1782/2003 milli jibbenefika fl-istess waqt minn aġġustament tal-ammont ta' referenza tiegħu taħt din id-dispożizzjoni u minn ammont ta' referenza supplimentari mir-riżerva nazzjonali taħt wieħed mill-Artikoli 19 sa 23a tar-Regolament Nru 795/2004, kif emendat bir-Regolament Nru 1974/2004, filwaqt li bidwi li ma jkunx ikkonfronta tali ċirkustanzi u li jkun ġie attribwit ammont ta' referenza kkalkolat skont l-Artikolu 37(1) tar-Regolament Nru 1782/2003 jista' jakkumula dan l-ammont u ammont ta' referenza mir-riżerva nazzjonali taħt wieħed mill-Artikoli 19 sa 23a tar-Regolament Nru 795/2004, kif emendat bir-Regolament Nru 1974/2004.

(¹) ĠU C 260, 7.9.2013.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tas-6 ta' Novembru 2014 – Ir-Repubblika Taljana vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-385/13 P) (¹)

(Appell — Fond Ewropew għall-iżvilupp regionali (FEŻR) — Programm operattiv regionali (POR) 2000-2006 għar-reġjun ta' Campania — Regolament (KE) Nru 1260/1999 — L-ewwel subparagrafu (f) tal-Artikolu 32(3) — Proċedura ta' ksur kontra r-Repubblika Taljana li tikkonċerna l-immaniġġar ta' skart fir-reġjun ta' Campania — Deċiżjoni li ma jitwettqux il-pagamenti intermedjarji relatati mal-miżura tal-POR dwar l-immaniġġar u l-eliminazzjoni tal-iskart)

(2015/C 007/11)

Lingwa tal-proċedura: it-Taljan

Partijiet

Appellant: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: G. Palmieri, aġġent, assistit minn P. Ġentili, avvocato dello Stato)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Recchia u A. Steiblytē, aġġenti)

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 252, 31.08.2013.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla Awla) tas-6 ta' Novembru 2014 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Belġju

(Kawża C-395/13) (¹)

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ilma urban mormi — Direttiva 91/271/KEE — Artikoli 3 u 4 — Obbligu tal-ġbir — Obbligu ta' trattament)

(2015/C 007/12)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: O. Beynet u E. Manhaeve, aġġenti)

Konvenut: Ir-Renju tal-Belġju (rappreżentanti: T. Materne u J.-C. Halleux, aġġenti, assistiti minn E. Gillet u A. Lepièce, avukati)